3 ta' Diċembru, 1947.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Dottor Filippo Nicolò Buttigieg et.**

*versus*

Maġġur Gerard C. Gatt, R.M.A.

## Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Retroattività — Lokazzjoni — Djar Ammobiliti — Board tal-Kera — Żgumbrament — Ordinanza XXIX ta' l-1947.

*Huwa ġeneralment aċċettat mill-għorrief illi l-liġijiet dwar il-ġurisdizzjoni u kompetenza, kif ukoll dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni ta' l-awtorità ġudizzjarja, japplikaw ruħhom retroattivament.*

*Fl-applikazzjoni retroattiva ta' dawn il-liġijiet dejjem issir distinzjoni bejn il-proċedimenti li ma jkunux immexxija 'l-quddiem u dawk li jkunu ġà avvjati; fis-sens illi meta l-proċediment mhux ġà avvjat, il-liġijiet ġodda għandhom applikazzjoni mingħajr ebda riguard għaċ-ċirkustanza jekk id-dritt li jifforma l-oġġett tal-proċediment ġie akkwistat qabel jew wara li l-liġi ġdida għandha tkun effikaċi jew attwata, mentri fil-każ ta' proċediment ġà avvjat il-liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva.*

*Imma anki f'dan l-aħħar każ tiġi applikata r-retroattività, jekk din tkun espressament sanċita mill-istess liġi ġdida.*

*Hekk ġara fil-każ ta' l-Ordinanza XXIX ta' l-1947, li, fost provvedimenti oħra, irrendiet il-Board tal-Kera kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' kawżi għar-ripreża tal-pussess ta' djar ammobiliti, mentri qabel kien ritenut li din il-kompetenza kienet tat-tribunali ordinarji. Għalkemm il-liġi ġdida ġiet promulgata wara li l-kawża kienet ġà introdotta quddiem il-Qorti ordinarja, ġie deċiż li kien kompetenti l-Board tal-Kera mħabba dispożizzjoni transitorja espressa fil-liġi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi huma jridu jieħdu pussess tad-dar tas-Sliema, Triq Tignè, no. 41, imsejħa "Maronna", mikrija arredata bil-mobbli lill-konvenut bil-£75 fis-sena, lokazzjoni li tagħlaq fit-8 ta' Awissu 1947, il-konvenut jiġi kundannat li jiżgombra l-istess fond fi żmien qasir li tagħtih din il-Qorti wara l-iskadenza tat-terminu korrenti;

*Omissis;*

Illi l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti. L-eċċezzjoni ssib ir-radiċi tagħha fil-fatt li minn mindu ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ta' l-attur, u preċiżament mit-22 ta' Lulju 1947, u meta, skond il-Qorti ta' l-Appell, dawn il-Qrati kienu biss il-Qrati kompetenti sabiex jiddeċidu kawżi ta' żgumbrament dwar fondi ammobiliti (ara appell tal-20 ta' Diċembru 1946, "Victor Mattocks vs. Anthony Tabone"), ad esklużjoni tal-Board tal-Kera, ħarġet liġi ġdida fl-ewwel ta' Settembru 1947 (ara Ordinanza XXIX ta' l-1947), li ddisponiet li l-Board tal-Kera kellu, minn dak il-jum 'il quddiem, ikollu s-setgħa li qabel kienet ġiet dikjarata mill-Qorti fuq imsemmija fil-materja li fuqha saret menzjoni ta' kompetenza ta' dawn il-Qrati. Jingħad ukoll illi l-kwistjoni tassumi fattispeċji aktar komplikati mid-dispost ta' indoli transitorja kontenut fil-liġi l-ġdida taħt l-art. 8 (3), fejn jingħad illi s-sezzjonijiet 4, 9, 10, 11, 12, 14, 16 u 28 u s-subsezzjoni 2 tas-sezzjoni 26 ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 109) ikunu jgħoddu għal djar mikrija bl-għamara, u jkunu jgħoddu għall-kirjiet kollha li jkunu fis-seħħ fil-jum li fih l-Ordinanza ġdida ssir liġi, u għall-każijiet ġodda ta' żgumbrament fejn ordni ta' żgumbrament ma jkunx ġie tal-ilħaqq imwettaq fil-jum li fih dik l-Ordinanza ssir liġi, jew qabel dak il-jum, jekk ukoll dak l-iżgumbrament ikun ġie ordnat minn Qorti jew minn Board b'sentenza li tkun saret "res judicata" bejn il-partijiet fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza, akkupp'at mal-fatt li fil-każ in diżamina l-lokazzjoni għalqet fit-8 ta' Awissu 1947;

Illi in tema tad-dritt pur u xjentifiku jingħad illi huwa ġeneralment aċċettat mill-għorrief fil-materja, illi l-liġijiet dwar il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza, kif ukoll dawk dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni ta' l-awtorità ġudizzjarja, u għall-istess raġunijiet, japplikaw ruħhom retroattivament, bid-differenza biss — jingħad minn issa — aċċidentali, di fronti għall-essenzjali ċirkustanza, komuni fil-każ taż-żewġ speċijiet u innovazzjonijiet, li tiġi deċiża biss mill-interess publiku u mhux mid-dritt tal-privati — li l-innovazzjoni ta' l-ewwel sistema ta' drittijiet u dawk tat-tieni sistema tikkonsisti f'dana

li dawn l-aħħar imsemmija jirrakkjudu xi awtorità ġdida, u l-ewwel *liġijiet inveċi jikkontjenu biss distribuzzjoni ġdida ta' attribuzzjonijiet bejn l-istess awtoritajiet eżistenti;*

Jingħad ukoll fil-kamp xjentifiku li fl-applikazzjoni retroattiva tal-liġijiet ġodda dwar il-ġurisdizzjoni u kompetenza dejjem issir id-distinzjoni bejn il-proċeduri mhux immexxija 'l quddiem u dawk pendenti, u ma hemmx bżonn jingħad li dwar dawk mhux avvjati universalment huwa ammess li l-liġijiet ġodda għandhom ikunu applikati mingħajr ebda rigward għaċ-ċirkustanza jekk id-dritt li jifforma l-oġġett tal-proċedura *ġiex akkwistat qabel jew wara li liġi ġdida tkun effikaċi jew attwata.* Jingħad però, dejjem fil-kamp xjentifiku, illi in kwantu għall-proċeduri avvjati — kwistjoni proċedurali li mhix nieqsa mill-kompleessività tagħha — u fejn il-kompetenza tkun diġà fissata irrevokabilment, il-liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva, imħabba fil-prinċipju ben konoxxut "ubi judicium acceptum, ibi et finem accipere debet", u mħabba l-prinċipju komuni fondamentali u ġenerali l-ieħor "in subjecta materia" li l-attijiet magħmula u mmexxija ma jistgħux minn liġi ġdida *jiġu kunsidrati bħala mhux magħmula sabiex ikunu mibdulin jew sostitwiti minn attijiet ġodda;*

Illi jingħad però, li dika l-limitazzjoni għar-retroattività tal-liġijiet li fuqhom qegħdin nitkellmu tista' tkun sanċita minn liġijiet pożitivi;

Tikkunsidra;

Illi wara li għidna dana, in tema legali u fil-konfronti tal-liġi ġdida fuq imsemmija, huwa dmir dina l-Qorti tara u teżamina jekk b'dik il-liġi, u in partikulari bid-disposti fuq imsemmija, *l-azzjoni attriċi toħroġx barra mill-isfera ġurisdizzjonali* jew kompetenzjali tagħha;

Illi huwa fatt li meta saret iċ-ċitazzjoni odjerna — skond kif il-Qorti ta' l-Appell kienet interpretat il-liġi tat-tiġdid tal-kiri tal-bini, allura mhix emendata bl-Ordinanza XXIX ta' l-1947, il-kawża odjerna dwar lokazzjoni ta' fond bil-mobbli u l-pussess tagħhom kienet tidħol fl-isfera kompetenzjali ta' din il-Qorti. Huwa anki fatt ieħor, aċċertat jew almenu mhux kontrastat, illi l-konvenut kellu l-fond in kwistjoni in rilokazzjoni *taċita, l-għaliex l-oriġinarja lokazzjoni kienet għalqet,*

u li dik il-okazzjoni tacita kienet tispicca fit-8 ta' Awissu 1947; li meta l-atturi harrkuh sabiex johrog mill-post, fit-22 ta' Lulju 1947, dika t-tahrika in relazzjoni ghaż-żmien tal-lokazzjoni hija u kienet, skond il-ġurisprudenza lokali, ekwivalenti ghal kongedo, u konsegwenzjalment ma baqghetx issehh meta fl-ewwel ta' Settembru 1947 harġet il-liġi l-ġdida li ssottrajiet mill-kompetenza ta' dawna l-Qrati l-iżgumbramenti ta' fondi bil-mobbli biex tatha lil-Board tal-Kera. Ma hemmux bżonn jinghad li b'dina l-liġi l-leġislatur taghna ta u ghamel distribuzzjoni ġdida ta' attribuzzjonijiet bejn l-awtoritajiet eżistenti;

Illi dina d-distribuzzjoni ġdida, deciża mil-leġislatur, kif intqal fuq, in bażi ghall-interess publiku u mhux fuq l-interess tal-privati cittadini, l-istess awtur tal-liġi tant riedha essiża, li fis-subsezzjoni 3 ta' l-artikolu 8 tal-liġi ġdida wasal sal-pont li jhassar l-effikacja ta' ġudikat, anki finali, in segwitu ghal kawża ta' żgumbrament, bil-limitazzjoni biss li l-istess żgumbrament ma jkunx tabilhaqq imwettaq qabel jew fil-jum li dik l-Ordinanza l-ġdida tkun tista' tiġi attwata;

Illi, fil-hsieb ta' dina l-Qorti, dana juri li fil-menti tal-leġislatur, ghalkemm forsi l-kliem użat jista' jaghti lok ghal xi interpretazzjoni hażina diversa, ried li jiġu assoġġettati ghal dina l-liġi mhux biss il-lokazzjonijiet li fil-jum ta' l-attwazzjoni tal-liġi l-ġdida kienu jsehhu, imma anki dawk li ma kienux isehhu, l-ghaliex ma jistax jinghad li min ikun kontra tieghu ġie deciż żgumbrament, u specjalment b'sentenza finali u li ma tkunx ghadha ġiet infurzata jew eżegwita, qatt jista' jsostni li l-lokazzjoni b'dana kollu baqghet fil-konfronti tieghu ghadha miexja. Il-principju li l-liġi ġdida hija retroattiva dwar proceduri mhux avvjati anki dwar liġijiet ta' kompetenza li jkunu ta' karattru eccezzjonali, jew li jkunu jikkontjenu xi privileġġ odjuż, huwa bla ombra ta' dubju accettat mill-ghorrief in materja, imma dwar il-proceduri pendenti l-accettazzjoni jew ripudjazzjoni ta' dak il-principju xjentifikament ghandha tkun assoġġettata ghad-differenza li ntqalet fuq: imma b'dana kollu l-liġi pożitiva tista' tikkanonizzah u tissancieh b'xi dispożizzjoni partikulari, kif jidher li ried jaghmel il-leġislatur taghna, irremissibilment;

Intqal fuq li l-kliem tal-liġi jista' jagħti lok għal interpretazzjoni diversa u kontra l-ispirtu ta' l-istess liġi; l-għaliex fid-dispożizzjoni transitorja msemmija, il-liġi tgħid li n-novità apportata tgħodd "to all lettings which are running on the day of enactment of this Ordinance", qisha teskludi dawk li jkunu għalqu f'dak il-jum, jew qabel dak il-jum, u "and to all cases where an order of ejectment has not been effectively enforced previously to, or on the day of enactment of this Ordinance, even though that ejectment may have been ordered by a Court, or by a Board, by means of a judgment which constitutes a 'res judicata' in respect of the parties thereto", qisha tinkludi biss dawk li jkunu għalqu u li fir-rispett tagħhom tkun ġiet ottenuta deċiżjoni ta' żgumbrament li ma tkunx ġiet eżegwita, anki jekk is-sentenza ta' l-iżgumbrament tkun finali; b'mod li donnha tħalli aperta l-kwistjoni dwar lokazzjonijiet li jkunu għalqu u li dwarhom ma jkunx ġie ottenut ġudizzjarjament ebda provvediment, bħal ma jkun każ pendenti;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, dana ma setax ikun il-ħsieb tal-leġislatur, speċjalment meta jiġi kunsidrat illi l-lokazzjonijiet dikjarati xjolti bil-konsegwenzjali dikjarazzjoni ta' l-iżgumbrament jekk ma jiġux effettivament eżegwiti, ma jkollhomx aktar saħħa. Del resto, f'dawn il-każi jkun hemm ċessazzjoni tal-lokazzjoni; anzi, a differenza mill-każi pendenti, ikun hemm dritt ta' eżekuzzjoni li jitnissel minn dak ix-xoljiment jew ċessazzjoni; u jekk f'dawna l-każi l-liġi riedet li fin-nuqqas ta' effettiva eżekuzzjoni jiġi newtralizzat id-dritt, huwa ġuridiku tirritjeni li riedet l-istess effett f'każi fejn l-estensjoni ta' drittijiet tkun minuri, jew aħjar fejn id-dritt ma jkunx għadu ġudizzjarjament rikonoxxut;

L-argumenti xjentifiċi in sostenn tan-"non-retroattività" tal-liġi ġdida fir-rispett ta' proċeduri pendenti avvjati di fronti għat-test u l-ispiritu tal-liġi ġdida pożitiva li tinnewtralizzahom ma għandhomx ħlief il-valur ta' argumenti "de jure condendo" u li l-"jure condito" jissopprimi;

Illi kwindi, in vista tal-liġi ġdida li ssemmiet fuq, l-azzjoni attriċi ma tidħolx fl-isfera kompetenzjali ta' dina l-Qorti, imma f'dik tal-Board tal-Kera;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni konvenuta dwar l-inkompetenza; bl-ispejjeż kontra l-atturi.